

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

3.9.2007

0074/2007

## DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

skond l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Cristian Dumitrescu, Daciana Octavia Sârbu, Alexandru Athanasiu, Dan Mihalache u Radu Podgorean

dwar il-ħarsien tal-proprietà pubblika tal-park storiku ta' "Bordei" ta' Bukarest ipperikolat minn proġett ta' żvilupp ta' bini

Data ta' skadenza: 3.12.2007

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar il-ħarsien tal-proprjetà pubblica tal-park storiku ta' "Bordei" ta' Bukarest ipperikolat minn proġett ta' żvilupp ta' bini**

*Il-Parlament Ewropew,*

- fid-dawl ta' l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. wara li kkunsidra li llum il-park BORDEI jinsab mhedded u fil-periklu li jgħib u li huwa wieħed mill-iktar parkijiet antiki f'Bukarest li għandu r-rwol ta' pulmun aħdar għall-belt li tant hu bżonnjuż għall-abitant tagħha,
- B. wara li kkunsidra li l-uniku għan ta' din il-qerda pprogrammata hu li jsir spazju għal distrett privat ta' pożizzjoni għolja, b'hekk dan l-ispazju pubbliku qiegħed jiġi ddedikat lil xi ftit ipprivileġġati,
- C. wara li kkunsidra li l-mexxejja politiċi Ewropej qegħdin isiru konxji ta' l-importanza tal-ħarsien ta' l-ambjent biex il-ġejjieni tal-pjaneta tagħna jkun iggarantit, jikkonferma li għal darb'oħra l-muniċipalità ta' Bukarest qiegħda tmur kontra din il-volontà Ewropea,
- D. wara li kkunsidra li dawn l-ispazji kienu digħi sfaw vittmi tal-politiki megalomanijaċi ta' Ceausescu, u billi llum jeħtieġ li dak li fadal minn dan il-partimonju Ewropew jiġi mħares,
- 1. jikkundanna b'saħħha dan il-proġett ta' bini li qiegħed jhedded park nazzjonali u l-ekosistema tiegħu;
- 2. jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex iħeġġeġ lill-gvern Rumen u l-muniċipalità ta' Bukarest sabiex jirrispettaw il-politiki ta' l-ambjent, u biex jibdew il-proċeduri legali jekk dawn ikunu meħtieġa;
- 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien ma' isem il-firmatarji lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvern Rumen.